TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Anna Cordina Costa

vs

Justin Buttigieg – Reboot

CCT G8/17/MS

26 ta' Ottubru 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-13 ta' Lulju 2017 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' €784.00, prezz ta' *video card* gdid li hi kienet kostretta tixtri minhabba diversi hsarat li zviluppaw f'parts tal-*computer* mixtrija minghand l-intimat.

Ra illi ghalkemm l-intimat kien gie notifikat bil-procedura tal-affissjoni u publikazzjoni ma ghamel l-ebda risposta fit-termini tal-ligi.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-process.

Sema' xhieda bil-gurament, inkluz ix-xhieda tal-intimat illi thalla jixhed f'dawn il-proceduri ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi f'Jannar 2015 ir-rikorrenti xtrat ammont ta' computer parts minghand l-intimat biex it-tifel taghha Gilbert li kien qed jistudja l-MCAST ikun jista' jibni computer ghal gaming. Meta gew il-parts it-tifel u l-intimat bdew jarmawh u meta tlesta u dan beda jintuza, wara siegha u nofs biss beda juri problemi u ma hadimx sew. It-tifel mar dritt ghand l-intimat u sab li kien hemm problema bil-motherboard. Ghal bidu l-intimat ma riedx ibiddilha, pero' wara accetta u biddilha ghal wahda uzata li ma kenitx idoneja u ta' sahha adewgwata. Dan eventwalment wassal lir-rikorrent biex tiftah kawza quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet tal-konsumatur, fejn f'April 2016, l-intimat kien gie ordnat jirrifondilha s-somma ta' €191.44 ghal prezz ta' motherboard li rrizulta li kien difettuz.

Li gara pero' illi fil-mori tal-pendenza l-ohra u qabel ma nqatghat is-sentenza, kienu lahqu zvillupaw hsarat ohra bhala konsegwenza ta' dan il-motherboard difettuz, u partijiet ohra ta' dan il-*computer* gew affettwati. Ir-rikorrenti kienet nghatat parir minghand l-Awtorita MCCAA illi

tistenna l-ezitu tal-ewwel kawza qabel ma tiftah kawza ohra fuq it-tieni problema, li ghalkemm relatat ma kienx jirrigwarda l-istess hsara. Terga' u tghid li meta s-sentenza nqatghet favur ir-rikorrenti, l-intimat riedha bil-fors tiffirma karta illi qed ihallasha bil-kundizzjoni illi ma taghmilx azzjoni ohra fil-konfront tieghu. Ghalkemm ma kienx dispost li jghinha, qalilha wkoll illi jekk hi tiehu l-computer ghand xi hadd iehor titlef il-garanzija u wara diversi ittri min-naha taghha sabiex hu jirranga l-kwistjoni, iddeciediet illi tmur ghand Scan, f'Malta - professjonisti f'dan ix-xoghol, illi kkonstataw diversi hsarat godda fil-computer u cjoe' fil-*video card.* Ir-rikorrenti fil-fatt kelllha tixtri video card gdida u thallas ghal servizzi ta' cleaning u inspection, b'total ta' €784.00.

Ikkunsidra

Illi l-intimat xehed f'dawn il-proceduri fejn qal li jemmen li l-*video card* li huwa biegh lir-rikorrent ma kellhiex hsara u li jiddispjacih illi r-rikorrenti u binha ma gewx ghandu biex jilhqu kompromess. Qal ukoll li la marru ghand Scan u ma marrux ghandu ma setax jonora l-garanzija.

It-Tribunal pero' huwa iktar dispost li jemmen il-versjoni tar-rikorrenti - illi marret ghand l-intimat diversi drabi ghall-ghajnuna minghajr ebda sodisfazzjoni. Il-fatt illi gie ezebit ukoll ittra (disclaimer) miktuba mill-intimat (mhux iffirmat), jkompli jinduci lit-Tribunal li jemmen il-verzjoni tar-rikorrenti - u cjoe li l-intimat ma riedx ighinha; anzi li kien qed jahsel idejh minn kollox. Il-fatt jibqa' illi l-intimat ma setax jaghmel hekk.

Gialadarba r-rikorrenti xtrat diversi parts minghandu u l-ewwel kawza kienet tirrigwarda parti wahda biss (*il-motherboard),* ma jfissirx illi l-parts l-ohra ma setghux jigu affetwati bil-hsara, kif fil-fatt gara f'dan il-kaz. Li kieku l-intimat ghamel xoghlu sew mill-bidu xejn minn dan ma kien jigri. Ir-rikorrenti hallset flus tajba ghal dawn il-parts u kellha kull dritt tippretendi xi forma ta' garanzija/ ghajnuna jew kumpens mill-intimat u meta dan baqa' inadempjenti u minn fuq, gieghla tiffirma ittra fejn ezonera ruhu minn kwalsiasi azzjoni, ma kellhiex ghazla ohra hlief tirrikorri ghand professjonisti u konsegwentement ghand dan it-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna lill-intimat ihallasha s-somma ta' €784.00. Bl-ispejjes kontra l-intimat.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru